A.L. 66 ta' l-1994

ATT DWAR IL-*GUEST HOUSES* U POSTIJIET *FURNISHED* GĦALL-BTALA
(KAP. 240)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 134 ta' l-1976.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1976 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"IT-TIENI TAQSIMA

Standard ta' Klassifika għal Postijiet għall-Btala *Furnished*

SEZZJONI 1

KATEGORIJA TAT-"TIELET" KLASSI U L-INQAS ĦTIĠIET

Dawn il-ħtiġiet huma l-inqas meħtieġa għall-klassifika ta' post għall-btala fil-kategorija tat-"TIELET" KLASSI:—

Postijiet tal-kategoriji tal-"EWWEL" u tat-"TIENI" Klassi għandhom jikkonformaw ma' dawn l-inqas ħtiġiet kif ukoll ma' ħtiġiet addizzjonali kif indikati fis-Sezzjoni 2 għat-"TIENI" Klassi u fis-Sezzjoni 3 għall-"EWWEL" Klassi.

(1) Il-"post għall-btala" għandu jkun bini, li ma jkunx ir-residenza tas-sid jew tal-kerrej, li jkun fih kamra tas-sodda waħda jew iktar minn waħda kif ukoll *lounge*, spazju għal fejn wieħed jiekol u kċina, u dawn kollha immobbiljati għal kollox u mgħammrin sabiex jipprovdu akkommodazzjoni għall-irqad u faċilitajiet għal *self-catering;*

(2) Il-"post għall-btala", li għandu jkun sitwat f'lokalità adatta għall-akkommodazzjoni ta' nies li jkunu qegħdin għal btala, għandu jkun jikkonsisti f'post waħdani ta' akkommodazzjoni jew

għadd ta' postijiet fi ħdan l-istess blokk, imħaddma mill-istess *management* jew *managements* differenti;

(3) Il-"post għall-btala" għandu jkun konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u *arkitettoniċi* stipulati bil-liġi sabiex jiggarantixxu s-sigurtà ta' l-appartamenti u ta' dawk il-persuni li jużaw il-post. Dan għandu wkoll ikun konformi mal-kundizzjonijiet *sanitarji* u iġjeniċi preskritti bil-liġi;

(4) Il-*KAMRA TAS-SODDA* jew kmamar tas-sodda għandu jkollhom għadd ta' sodod, iżda kull kamra tas-sodda ma għandux ikollha iktar minn erba' sodod tal-wieħed jew żewġ sodod doppji, sakemm dawn is-sodod ikunu adatti mal-qies u t-tqassim tal-kamra; armarju bl-ispallieri; *dressing table* b'mera; spazju biż-żejjed fl-armarju u l-kxaxen; *blinds* jew purtieri; imħaded u koperti tas-sodda; komodina maġemb is-sodda u lampi; żewġ siġġijiet kif ukoll għamara u abbiljament ieħor li wieħed soltu jsib f'akkommodazzjoni bħal dik. Kull kamra tas-sodda għandu jkollha sistema tajba ta' tkessiħ u sħana mill-anqas bil-mezz ta' *fans* u *heaters;*

(5) Il-post għandu jkollu wkoll *KĊINA* mgħammra tajjeb fejn ikun hemm il-misħun, skond il-kategorija u d-daqs tal-post u tagħmir biż-żejjed sabiex jaqdi lill-kerrejja sew; *KAMRA TAL-IKEL* jew spazju fejn wieħed jiekol b'kumditàsew fejn wieħed joqgħod bil-qiegħda; *SALOTT* jew spazju għal-*lounge* b'kumditàsew fejn wieħed joqgħod. Il-kċina, il-kamra tal-ikel u s-salott għandhom ikunu immobbiljati sew u kif xieraq. Għandu jiġi provdut tagħmir li bih isir tindif bażiku;

(6) L-*GĦAMARA*, l-immobbiljar, il-ħwejjeġ imwaħħlin u t-tagħmir provdut fil-post għall-btala għandhom ikunu ta' standard u *KWALITÀ TAJBA* u biż-żejjed biex jaqdu l-ħtiġiet tal-kerrej. Il-bjankerija u l-purtieri kif ukoll il-fajjenza, il-pożati u kull tagħmir ieħor domestiku għandhom ukoll ikunu ta' kwalità tajba u ta' standard li jaqbel;

(7) Għandu jingħata lill-kerrej biex jarah *INVENTARJU* ta' l-għamara u tal-ħwejjeġ l-oħra li jkun hemm fil-post, kif ukoll in-nefqa biex jinxtraw oġġetti ġodda, jew inkella jiġi esibit f'imkien fil-post li l-kerrejja jkunu jistgħu jaraw faċilment;

(8) Il-*KAMRA TAL-BANJU* tkun tikkonsisti f'banju jew doxxa, *toilet* u sink kif ukoll ħwejjeġ imwaħħlin u tagħmir kif jixraq, li lkoll kemm huma għandhom ikunu ta' standard u *KWALITÀ TAJBA*. Il-kamra tal-banju għandu jkollha madum sa mill-inqas għoli ħames piedi. Għandhom jiġu provduti faċilitajiet ta' ilma sħun fl-ispazju tal-kamrta tal-banju u tas-sink;

(9) Għandu jkun hemm *ĦAŻNA TA' ILMA* tajba sabiex il-kerrej ikun provdut b'faċilitajiet tal-ilma f'kull ħin;

(10) Kull kamra u spazju ieħor għandu jkun fihom għejjun ta' *ELETTRIKU*, apparat tad-dawl u tal-kurrent. It-tagħmir tad-

dawl u aċċessorji ta' standard tajjeb għandhom jiġu provduti f'kull spazju tal-post għall-btala;

(11) Il-*MANUTENZJONI* ta' kull spazju intern u estern li jagħmel sehem mill-post, inklużi l-għamara, l-immobbiljar, il-ħwejjeġ fissi u t-tagħmir, u kull taraġ, passaġġ, kuridur, ġnien jew mogħdija li jwasslu għall-post, għandhom ikunu ta' dehra u *STANDARD TAJJEB* f'kull waqt;

(12) Għandhom jiġu provduti *LANED TAŻ-ŻIBEL* ta' qies tajjeb. Dawn għandu jkollhom l-għotjien u jitqegħdu f'żona maqtugħa għaldaqshekk jew fi spazju xieraq fil-post. Meta jkun hemm blokk ta' flats għandu jkun hemm rokna ċentrali għall-ġbir. Għandu jkun hemm avviż xieraq, muri b'mod prominenti, li jkun jispeċifika kif u meta jingħabar iż-żibel;

(13) Għandu jsir *TINDIF* regolari, biż-żejjed u sew u manutenzjoni tal-post kollu, kif ukoll jingħata servizz domestiku, qabel ma kerrej ġdid jidħol fil-post u mill-inqas darba fil-ġimgħa wara;

(14) Għandu jkun hemm *LIFT* jekk il-bini jkun qiegħed fi blokk ta' erba' sulari jew iktar 'il fuq mill-pjan terren;

(15) Għandhom jiġu provduti fil-post miżuri ta' *SIGUREZZA* u tagħmir ta' prekawzjoni kontra n-nar. Dan it-tagħmir ta' kontra n-nar għandu jinkludi, mill-inqas, li jkun hemm *fire-extinguishers* li jaħdmu u li tkun saritilhom manutenzjoni u *fire blanket* fil-kċina. Għandhom jintwerew b'mod ċar sinjali direzzjonali ta' ħruġ f'każ ta' emerġenza jekk il-post ikun fi ħdan blokk bini;

(16) L-inqas *ASSIGURAZZJONI* ta' *public liability* għal-nies ospitati fil-post għandha tiġi provduta kontra s-serq kif ukoll il-mewt, korriment jew teħid fi sptar b'riżultat ta' xi inċident li jkun ġara fil-post;

(17) Fin-nuqqas ta'servizz tat-*TELEFON,* għandhom jiġu indikati b'mod ċar lil dawk ospitati fil-post għal użu f'każ ta' emerġenza, fejn hemm l-eqreb telefon pubbliku u n-numru li bih ikun jista' jiġi kuntattjat is-sid/operatur. Għandhom jiġu provduti wkoll numri oħra tat-telefon, u tagħrif relattiv.

(18) Fin-nuqqas ta' xi waħda mill-ħtiġiet indikati qabel, il-Bord jista' jikkunsidra kull *FAĊILITÀ OĦRA*, ħtieġa jew tagħmir skond kif il-Bord iqis li jkun tajjeb f'kull każ.

SEZZJONI 2

ĦTIĠIET TAL-KATEGORIJA TAT-"TIENI" KLASSI

Postijiet għall-btala li għandhom jiġu klassifikati fil-kategorija tat-"TIENI" Klassi għandu jkollhom l-inqas ħtiġiet li hemm indikati fis-Sezzjoni 1 kif ukoll dawn il-ħtiġiet addizzjonali li ġejjin:—

(1) Il-*KAMRA TAS-SODDA* jew kmamar tas-sodda, li għandhom ikunu spazjużi u mdawlin sew, għandu jkollhom ukoll twapet ta' maġemb is-sodda; *air conditioning* jew sistema ta' tkessiħ/sħana; gallerija jew tieqa b'veduta li togħġob;

(2) Il-post, li għandu jkun ventilat sew u sitwat f'ambjent li jogħġob, għandu jkollu wkoll kċina separata kif ukoll spazji maqtugħin sew għall-ippranzar u salott jew *lounge*. Għandhom ukoll jagħmlu parti mill-post gallerija jew terrazz;

(3) L-*GĦAMARA*, immobbiljar, ħwejjeġ fissi u tagħmir provdut fil-post għall-btala għandhom ikunu ta' standard u *KWALITÀ TAJBA ĦAFNA* u biż-żejjed biex jaqdu l-ħtiġiet tal-kerrej. Il-bjankerija u l-purtieri kif ukoll il-fajjenza, il-pożati u kull tagħmir ieħor domestiku għandhom ukoll ikunu ta' kwalità u standard tajba;

(4) Il-*KAMRA TAL-BANJU* għandha tkun tikkonsisti f'banju, doxxa, *toilet* u sink kif ukoll ħwejjeġ imwaħħlin u tagħmir kif jixraq, li kollha jkunu ta' standard u *KWALITÀ TAJBA ĦAFNA*. Il-kamra tal-banju għandha tkun kollha bil-madum. Għandhom jiġu provduti faċilitajiet ta' ilma sħun fil-kamra tal-banju u fis-sink;

(5) It-*TAGĦMIR TAD-DAWL* u l-aċċessorji, kif ukoll il-*MANUTENZJONI* ġenerali tal-post kollu, inklużi l-oqsma interni u esterni tal-post, għandhom ikunu ta' dehra u *STANDARD TAJJEB ĦAFNA* f'kull waqt;

(6) Għandu jiġi provdut *LIFT* jekk il-post ikun qiegħed f'bini ta' tliet sulari jew iktar 'il fuq mill-pjan terren;

(7) Fin-nuqqas ta' xi waħda mill-ħtiġiet indikati qabel, il-Bord jista' jikkunsidra kull *FAĊILITÀ OĦRA*, ħtieġa jew tagħmir skond kif il-Bord iqis li jkun tajjeb f'kull każ.

SEZZJONI 3

ĦTIĠIET TAL-KATEGORIJA TAL-"EWWEL" KLASSI

Postijiet għall-btala li għandhom jiġu klassifikati fil-kategorija tal-"EWWEL" Klassi għandu jkollhom l-inqas ħtiġiet li hemm indikati fis-Sezzjoni 1, kif ukoll dawn il-ħtiġiet addizzjonali li ġejjin:

(1) Il-*KAMRA TAS-SODDA* jew kmamar tas-sodda, li għandhom ikunu spazjużi u mdawlin sew, għandu jkollhom ukoll dwal għall-qari li jiġu kontrollati fil-post, paviment miksi sew bit-twapet, gallerija, terrazz jew tieqa b'veduta li togħġob;

(2) Il-post, li għandu jkun ventilat sew u sitwat f'ambjent li jogħġob, għandu jkollu wkoll kċina separata kif ukoll spazji maqtugħin sew għall-ippranzar u salott jew *lounge*. L-oqsma tas-salott jew *lounge* għandhom ikunu miksija sew bit-twapet. Għandhom ukoll jagħmlu parti mill-post gallerija jew terrazz;

(3) Għandhom jiġu provduti fl-oqsma tal-kmamar tas-sodda u tal-ikel u tal-*lounge* sistema ta' sħana/*air conditioning* jew *fans/ radiator* li jeħlu mas-saqaf;

(4) L-*GĦAMARA*, immobbiljar, ħwejjeġ fissi u tagħmir provdut fil-post għall-btala għandhom ikunu tal-*AQWA* kwalità u standard u biżżejjed biex jaqdu l-ħtiġiet tal-kerrej. Il-bjankerija u l-purtieri kif ukoll il-fajjenza, il-pożati u kull tagħmir ieħor domestiku għandhom ukoll ikunu ta' l-aqwa kwalità u standard;

(5) Il-*KAMRA TAL-BANJU* għandha tkun tikkonsisti f'banju, doxxa, *toilet, vanity top, hair-dryer,* sink kif ukoll ħwejjeġ imwaħħlin u tagħmir kif jixraq, li kollha jkunu ta' l-*AQWA* kwalità u standard. Il-kamra tal-banju għandha tkun kollha bil-madum. Għandhom jiġu provduti faċilitajiet ta' ilma sħun fil-kamra tal-banju u fis-sink;

(6) Għandu jiġi provdut fil-kamra sett tat-*TELEVIŻJONI BIL-KULUR,* li jaħdem u jkollu manutenzjoni tajba. Huwa rakkomandat li jkun ħemm sett tat-telefon;

(7) It-*TAGĦMIR TAD-DAWL* u l-aċċessorji kif ukoll il-*MANUTENZJONI* ġenerali tal-post kollu, inklużi l-oqsma interni u esterni tal-post, għandhom ikunu ta' l-*AQWA* standard u dehra f'kull waqt;

(8) Il-post għandu preferibilment ikollu l-faċilità ta' aċċess għal *SWIMMING POOL;*

(9) Għandu jiġi provdut LIFT jekk il-post ikun qiegħed fi blokk bini ta' żewġ sulari jew iktar 'il fuq mill-pjan terren;

(10) Fin-nuqqas ta' xi waħda mill-ħtiġiet indikati qabel, il-Bord jista' jikkunsidra kull *FAĊILITÀ* oħra, ħtieġa jew tagħmir skond kif il-Bord iqis li jkun tajjeb f'kull każ.".